# Il-Mitħna tax-Xewkija

*Qed nirriproduċu artiklu mill-ktieb ferm interessanti 'L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ' fil-Gżejjer Maltin bil-permess ġentili tal-awtur Clifford Vella.*

*Kitba ta' Clifford Vella*

Ix-Xewkija hija lokalita' ta' daqs mhux ħażin, tant li l-popo-lazzjoni fis-sena 2005 kienet tlaħħaq madwar 3500 ruħ. Minkejja l-ammont ta' nies li jgħixu f'dan ir-raħal, jekk wieħed iħares lejn il-passat, malajr jinduna li minn dejjem kien hemm ammont konsiderevoli ta' nies jabitaw f'din il-lokalità. Skont ċiefri ta' ċensiment li saru mal-milja tas-snin wieħed isib dan li ġej:

a) Sena 1667=403 persuna
b) Sena 1797=1450 persuna
c) Sena 1891=1600 persuna
d) Sena 1948=3300 persuna
e) Sena 1985=2900*

* Dawn il-figuri ġew meħuda mill-websajt tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

Dan ir-raħal huwa magħruf sew għall-"ground tal-futbol" li hemm fih, għaliex dan huwa l-grawnd nazzjonali ta' Għawdex. Barra minn dan, ġewwa x-Xewkija nsibu l-qasam industrijali ta' Għawdex, li minnu jgħixu ħafna familji Għawdxin.

Il-kelma "Xewkija" fl-antik kienet tfisser għelieqi kbar tax-xewk. Jista' jkun li fl-antik dan ir-raħal kien magħmul minn għelieqi kbar tax-xewk. L-istorja ta' dan ir-raħal teħodna lura fis-snin, tant li wieħed isib li x-Xewkija saret Parroċċa fis-27 ta' Novmebru tal-1678. Fost strut-turi li kienu nbnew ftit wara dak iż-żmien wieħed isib il-mitħna tar-riħ li hemm fil-"*bypass*" ta' dan ir-raħal, li hija magħrufa bħala l-"Mitħna ta' Tmien Kantunieri".

**Il-"Mitħna ta' Tmien Kantunieri" (Fondazzjoni Perellos). Ħadmet bejn 1710-1886**

Il-"Mitħna ta' Tmien Kantunieri" fix-Xewkija nbniet fil-bidu tas-seklu tmintax mill-Gran Mastru Ramon Perel-los y Rocafull (1697-1720), fis-sena 1710. L-istruttura tagħha hija l-unika eżistenti f'pajjiżna, għaliex il-bażi tagħha huwa ta' forma ottangolari, jiġifieri bi tmien ponot. Ħafna tiġihom ix-xewqa li jkunu jafu għaliex din kienet mibnija b'dan il-mod. B'kapaċità inkredibbli, ħaġa li kienet komuni fi żmien il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, turi biċ-ċar li meta nbniet raw kif għamlu u waqqfu t-tmien ħitan iħarsu għal kull direzzjoni ta' minn fejn jonfoħ ir-riħ. Il-mitħna għandha erba' faċċati jħarsu lejn id-direzzjoni tal-irjieħat ewlenin – it-Tramuntana, Nofsinhar, il-punent u l-Lvant, filwaqt in-naħa l-oħra jimmarka l-irjieħat sekondarji l-Majjistral, il-lbiċ, ix-xlokk u l-grigal. Fil-passat kien hawn tnejn oħra bħalha, però llum ma għadhomx jeżistu. Dawn kienu waħda mill-imtieħen li kien hemm fil-Belt Valletta u l-oħra dik "Tal-Ħerba" ġewwa ż-Żejtun.

Jekk nagħtu ħarsa kif inhi minn ġewwa, insibu li din hija magħmula minn żewġ kmamar kbar laterali, intrata kbira u kċina. Fin-nofs sintendi hemm it-tromba b'taraġ li jibqa' tiela' sa fuqnett. Fil-kċina nsibu l-armarju tal-ġebel u ħdejh hemm il-forn. Hemm ukoll il-post fejn kienu jpoġġu l-ħobż biex idaħħluh fil-forn. Iż-żewġ kmamar laterali huma mibnija fuq erba' ħnejjiet għoljin sas-saqaf, però fuq l-intrata hemm speċi ta' raff li jinfed minn karma għall-oħra. Il-kamra li tħares lejn Nofsinhar kienet tintuża bħala qanja. Qanja kienet tkun bħal raff fuq il-forn fejn kienu jpoġġu xi affarijiet sabiex jinxfu. F'din l-istess kamra hemm ukoll żewġ armarji oħra fil-ħajt. Bħala bibien insibu wieħed għat-triq u l-ieħor jagħti għan-naħa ta' wara. Fit-taraġ tat-tromba hemm ukoll kamra żgħira li kienet tkun mimlija bil-qamħ għat-tħin. Maġenb il-mitħna, fin-naħa tan-nofsinhar, hemm kamra mdaqqsa li fiha kienu jpoġġu l-bhima. F'din l-istess kamra nsibu maxtura fejn kienu jagħlfu l-bhima. (1)

Fost l-ewwel taħħana nsibu li fis-sena 1738 il-mitħna kienet mikrija lil Ġio Maria Scicluna. Wara ftit snin Scic-luna ħalla din id-dinja, u għalhekk sehmu waqa' fuq martu. Wara ftit, martu żżewġet lil Simone Galea, li flimkien ma' iben Scicluna, li kien jismu Michele, ġeddew il-kuntratt. Dan seħħ fis-sena 1742. Minn hemm din baqgħet għal tul ta' snin f'idejn membri tal-familjari ta' Scicluna. (2)

Naqbżu ftit aktar minn seklu u wieħed isib li fis-sena 1847 il-mitħna kienet mikrija lil Guseppe Scicluna. F'dik is-sena huwa kien bagħat petizzjoni sabiex jitnaqqaslu l-kera tal-mitħna. Skont rapport li kien għamel l-Onor-evoli Vicent Casolani fl-1 ta' Ġunju tal-1847 huwa kien kiteb li l-mitħna kien ilha mikrija lil Guseppe sa mit-8 ta' Ġunju 1839, b'ċens għal 32 sena li jiġġedded kull 8 snin. Il-kera kien ta' 54 lira sterlina u 10 xelini fis-sena. Fl-istess rapport huwa stqarr li skont ma vvaluta l-Kumi-tat tal-Periti ħareġ ir-riżultat li dan l-istess kera kien ser jitnaqqas għal 46 lira sterlina fis-sena. Din ir-reviżjoni kellha tiġi fis-seħħ mill-1 ta' Lulju tal-1847. Dwar dan kollu Ġuseppe Scicluna ġie nfurmat fil-15 ta' Ġunju, (3)

Minn idejn Guseppe Scicluna l-mitħna għaddiet f'idejn Marcello Scicluna. Dan wassal biex fil-bidu tas-sena 1851 huwa talab biex terġa' titnaqqas il-kera, li huwa kien qed iħallas. Skont rapport li kien ħareġ mill-istess Casolani, deher biċ-ċar li t-talba kienet ġiet rifjutata u

b'dan Marcello kien ġie mgħarraf fl-20 ta' Awwissu ta' dik is-sena stess. (4)

Bħalma diġà semmejt kemm–il darba, fl-1838, il-Gvern kien neħħa l-monopolju fuq l-imtieħen u b'hekk kien ħareġ diversi sejħiet sabiex jinkrew l-imtieħen.

Ħaġa tal-iskantament kienet li, meta ħareġ dan l-avviż għall-imtieħen ta' Għawdex, ħadd ma kien interessat u kella titla' l-familja Camilleri miż-Żejtun biex forsi nbidlet is-sitwazzjoni. Minn hemm wieħed isib li f'nofs is-seklu dsatax il-mitħna fix-Xewkija għaddiet għand l-aħwa Wenzu u Guseppe Camilleri, kif ukoll Fernadu li kien iben Wenzu.

Guseppe Camilleri kompla jagħmel kif kienu għamlu diversi taħħana oħra, billi jitlob tnaqqis lill-Gvern mill-kera tiegħu. L-ewwel talba kien għamilha fl-14 ta' Diċembru tal-1857. Dak iż-żmien huwa kien qiegħed iħallas 29 lira sterlina. Fit-19 ta' April tal-1858, l-Awtoritajiet infurmawh li t-talba tiegħu ġiet nulla. L-uniku ċans li tawh kien li jinħall mill-kuntratt u l-mitħna terġa' toħroġ b'offerta lill-pubbliku.(5)

Jekk nagħtu ħarsa lejn it-tieni kuntratt ta' din il-mitħna tal-familja Camilleri nsibu li fis-7 ta' Lulju tal-1860 kien sar kuntratt min-Nutar Luiġi Vella u dan il-kuntratt kien jorbot lil Wenzu Camilleri bħala sid fuq din il-mitħna mikrija lilu mill-Gvern. F'dan il-kuntratt insibu li huma ngħataw il-mitħna b'ċens għal 99 sena. Mal-mitħna kien hemm 60 tomna raba' magħruf bħala "Tal Ħamrija" u dan ingħata wkoll b'ċens għal 99 sena lill-istess familja. Il-ħlas ta' dan iċ-ċens kien ta' 19-il lira sterlina fis-sena. Dan il-kera kellu jibda jgħodd minn sena qabel id-data tal-kuntratt. Aħbar xejn sabiħa dwar din il-mitħna kienet dik tas-sena 1886. F'dik is-sena l-mitħna ġiet meqruda wara li din giet maħruqa. Fl-istess sena Wenzu Camilleri kien talab lill-Gvern sabiex jgħinu biex isewwiha. Bi sfortuna għal Wenzu din it-talba ma kinitx intlaqgħet mill-Gvern u għalhekk fl-1 ta' Ottubru ta' dik is-sena Wenzu kellu jċedi ċ-ċens, tant li spiċċa biex żarma l-mitħna. (6)

Fil-15 ta' Gunju tal-1888 Giovanni Sammut kien għamel talba lill-Gvern sabiex jixtri din il-mitħna. Jidher ċar kristal li din it-talba qatt ma ġiet milqugħa, għaliex sallum il-ġurnata din għadha propjeta tal-Gvern.(7)

Il-moħħ ta' Wenzu Camilleri xorta baqa' jhewden fuq din il-mitħna. Riżultat ta' dan kien li, fit-13 ta' Awwissu tal-1890, hu reġa' wera x-xewqa tiegħu li jerġa' jkun is-sid ta' din il-mitħna, minkejja li f'dik il-ħabta kienet diġà waqfet taħdem. Skont ċerta persuna bil-kunjom Trapani, li kien iservi min-naħa tal-Gvern biex jifli dawn it-talbiet, jingħad li din il-mitħna kellha kuntratt bin-numru 80, li kien inkorporat ma' kuntratt ieħor ta' biċċa art magħrufa bħala "Tal-Ħamrija" kif diġà semmejt ftit qabel u kellha razzett fiha. Il-kuntratt ta' din il-biċċa art kien iġib in-numru 328. Il-proposti li kien għamel Camilleri kienu:

a) Li jkollu b'ċens il-mitħna għal qasir żmien u li l-Gvern jagħmel tajjeb sabiex titranġa l-ħsara li kellha. Dawn l-ispejjeż kellhom jagħmlu tajjeb għalihom il-fondi pubbliċi.

jew

b) Li jkollu b'ċens il-mitħna għal tul ta' żmien, u li hu jirċievi mingħand il-Gvern in-neċessitajiet kollha sabiex jirraġa l-mitħna. Barra minn dan huwa kien lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-trasport bejn Malta u Għawdex.

Meta dawn iż-żewġ proposti kienu qegħdin jiġu studjati min-naħa tal-Gvern, kien ġie stabbilit li rigward l-ewwel waħda l-Gvern ma kienx jaqbillu li jidħol għall-ispejjeż, għaliex dik il-ħabta dawn it-tip ta' mtieħen kienu qegħdin jispiċċaw minn pajjżna. Rigward it-tieni proposta ma kien hemm l-ebda raġuni għat-talba tiegħu li jeħodha għal tul ta' żmien. Fl-10 ta' Ottubru tal-1890 ġie deċiż min-naħa tal-Gvern li l-kuntratt tal-mitħna jiġi nkorporat mal-kuntratt ta' biċċa art magħrufa bħala "Tal-Ħamrija", u minn hemm issir evalwazzjoni tal-ħsara tal-mitħna. Fil-5 ta' Jannar ta' wara kienet tlestiet din l-evalwazzjoni u l-ħsara kienet tlaħħaq għal 22 lira sterlina u kien ser jagħmel tajjeb għaliha l-Gvern. Ir-raġuni prinċipali li jgħaqqdu dawn iż-żewġ kuntratti f'wieħed kienet sabiex il-bini tal-mitħna jkun jista' jservi ta' maħżen ta' dan ir-razzett. Tmint ijiem wara, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet beda jsewwi l-ħsara. Dan il-kuntratt il-ġdid kellu jkun għal 8 snin u b'seħħ mill-15 ta' Awwissu tal-1891. Kien proċess li kien ħa sena, però minkejja li dak li ħa Camilleri kien differenti minn dak li kien talab, xorta tista' tgħid ġietu tajba.(8)

Moħħ Wenzu Camilleri, minkejja li kien ħa ftit minn dak li xtaq, xorta baqa' jhewden kif ser itejjeb il-pożizzjoni tal-kuntratt il-ġdid. Li ġara kien li fis-26 ta' Jannar 1895 kien għamel talba sabiex il-kuntratt li kien qiegħed iħaddan jinbidillu minn wieħed ta' perjodu ta' 8 snin għal wieħed f'aktar tul. Din it-talba ma ntlaqgħetx mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Sar magħruf ukoll, li f'dik il-ħabta l-propejtà tal-mitħna kellha valur ta' 150 lira sterlina. (9)

Minn hemm din il-mitħna għamlet xi żmien isservi bħala razzett tal-bhejjem. Fil-bidu tas-sena 1956 din il-mitħna bdiet tintuża bħala każin tal-banda. Hawn kienet saret ir-rinovazzjoni tal-Banda Prekursur u kien iltaqa' l-ewwel kumitat tal-istess banda.

Referenzi:


(1) *Skont Mikiel Angelo Camilleri li jagħmel parti mill-familja Camilleri, skont informazzjoni li tani fit-28 ta' April tal-2009.*

(2) *"A Focus on Gozo Culture" –Joseph M. Attard Tabone pp. 159 u 169.*

(3) *Public Works Vol 13 Peizzjoni 207 tal-1847.*

(4) *Public Works Vol 14 Peizzjoni 69 tal-1851.*

(5) *Public Works Vol 16 Peizzjoni 8594C tal-1857.*

(6) *Ibid ref 1.*

(7) *Public Works Vol 31 Petizzjoni 56405 tal-1888.*

(8) *Public Works Vol 32 Petizzjoni 979C tal-1890.*

(9) *Public Works Vol 34 Petizzjoni 1492C tal-1895.*